Quotation/tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations/tender at the times and dates specified above.

3rd March, 2015

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology, notifies that:

Quotations placed in the self-addressed envelope and deposited in the appropriate tender box at the address below, or sent by email on (tenders@mcast.edu.mt) will be received up to 11.00 a.m. of Monday, 9th March, 2015, for:

Quot. No. MCAST Q. 16/2015. Supply and installation of a galvanised steel fencing enclosure.

Quotation documents may be requested free of charge by email (on the email address below) or collected from the Purchasing Department at the MCAST Administrative Building (at the address below), from Monday to Friday, from 8.30 a.m. to 1.00 p.m. and from 2.00 p.m. to 4.30 p.m.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all quotations submitted.

MCAST Main Campus
Telgħet Korradino, Paola PLA 9032, Malta
Tel: 2398 7100 Fax: 2398 7316
Email: (tenders@mcast.edu.mt)
Website: (www.mcast.edu.mt)

3rd March, 2015

UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT U
L-MALTA COMMUNITY CHEST FUND

L-Uffiċċju tal-President u l-Malta Community Chest Fund jgħarrfu illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, il-11 ta' Marzu, 2015, fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju tal-Presidenza, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Servizz ta' disinn u stampar kif mitlub fid-dokument tal-offerta.

Kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni jista' jinġabar mill-Uffiċċju tal-President, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-3 ta' Marzu, 2015

OFFICE OF THE PRESIDENT AND
MALTA COMMUNITY CHEST FUND

The Office of the President and the Malta Community Chest Fund notifies that:

Sealed quotations will be received in the tender box at the Office of the Presidency, The Palace, Valletta, up to 10.00 a.m. of Wednesday, 11th March, 2015, for:

Design and print as detailed in the document.

Documents may be collected from the Office of the President, The Palace, Valletta, between 8.30 a.m. and noon.

3rd March, 2015

UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT

Is-Segretarju tal-Presidenza jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis il-25 ta' Marzu, 2015, fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju tal-Presidenza, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Provvediment ta' servizzi awdjo viżwali, dwal u apparat tas-sound.

L-offerti jinġabru mill-Uffiċċju tal-President, Il-Belt Valletta mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-8.30 a.m. sa nofsinhar.

It-3 ta' Marzu, 2015

OFFICE OF THE PRESIDENT

The Secretary to the Presidency notifies that:

Sealed tenders will be received in the tender box at the Office of the Presidency, The Palace, Valletta, up to 10.00 a.m. of Thursday, 25th March, 2015, for:

Provision of audio, visual and lighting services.

Offers may be collected from the Office of the President, Valletta, from Monday to Friday, between 8.30 and noon.

3rd March, 2015

DIPARTIMENT GĦALL-GVERN LOKALI

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 25 ta' Marzu, 2015, fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta VLT 1443, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Kiri ta' seba' (7) *energy efficient multifunctional printers* effiċjenti fl-użu tal-enerġija fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Id-dokumenti ta' din l-offerta huwa bla ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jitniżżlu mill-*website* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali (www.dlg.gov.mt).

Id-Dipartiment iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta parti jew l-offerta sħiħa, xi offerti jew l-offerti kollha mitfugħa, anke l-aktar vantaġġużi.

It-3 ta' Marzu, 2015

DEPARTMENT FOR LOCAL GOVERNMENT

The Department for Local Government notifies that:

Sealed tenders will be received at the Department for Local Government, 26, Triq l-Arċisqof, Valletta, VLT 1443, up to 10.00 a.m. of Wednesday, 25th March, 2015, for:

Leasing of seven (7) energy efficient multifunctional printers at the Department for Local Government.

This tender document is free of charge.

Tender documents can be downloaded from the Department website (www.dlg.gov.mt).

The Department reserves the right to accept or refuse in part or in whole any or all offers submitted, even the most advantageous.

3rd March, 2015

KUNSILL LOKALI PAOLA

Il-Kunsill Lokali Paola jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tat-Tlieta, 10 ta' Marzu, 2015, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. 1/2015. Provvista ta' qsari tal-konkos.

Kwot. Nru. 2/2015. Provvista ta' pjanti/siġar u qsari għal Triq id-Dgħajjes u Triq Ġużè D'Amato.

Kwot. Nru. 3/2015. Provvista ta' pjanti/siġar u qsari għal Triq Cospicua.

Kwot. Nru. 4/2015. Provvista ta' pjanti/siġar u qsari għal Triq Windsor u Pjazza Sant'Ubaldeska.

Kwot. Nru. 5/2015. Provvista ta' pjanti/siġar u qsari għal Telgħet Raħal Ġdid.

Kwot. Nru. 6/2015. Provvista ta' pjanti/siġar u qsari għal Ġnien Lorry Sant u suq ta' Raħal Ġdid.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-3 ta' Marzu, 2015

PAOLA LOCAL COUNCIL

The Paola Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Office, Casal Paola, Paul Boffa Garden, Triq il-Knisja, Paola, by not later than noon of Tuesday, 10th March, 2015, for:

Quot. No. 1/2015. Supply of concrete pots.

Quot. No. 2/2015. Supply of plants and pots for Triq id-Dgħajjes and Triq Ġużè D'Amato.

Quot. No. 3/2015. Supply of plants and pots for Triq Cospicua.

Quot. No. 4/2015. Supply of plants and pots for Triq Windsor and Pjazza Sant'Ubaldeska.

Quot. No. 5/2015. Supply of plants and pots for Telgħet Raħal Ġdid.

Quot No. 6/2015. Supply of plants and pots for Ġnien Lorry Sant and Paola Market.

The Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

3rd March, 2015

KUNSILL LOKALI ĦAD-DINGLI

Il-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, is-16 ta' Marzu, 2015, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jintlaqgħu kwotazzjonijiet għal:

Kwot. Nru. Q-DLC 03/2015. Ħolqien ta' applikazzjoni diġitali għal sistemi iPhone u Android bħala għodda ta' gwida u informazzjoni dwar Ħad-Dingli, li jinkludi *heritage trail*.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' April, 2015, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħad-Dingli jintlaqgħu offerti għal:

Avviż Nru. DLC 01/2015. Provvediment ta' servizzi ta' assigurazzjoni.

L-informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Ċentru tal-Komunità, Daħlet is-Sienja, Ħad-Dingli fuq in-numru tat-telefon 2145 6060, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni/offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-3 ta' Marzu, 2015

ĦAD-DINGLI LOCAL COUNCIL

The Ħad-Dingli Local Council notifies that:

Quotations will be received in Ħad-Dingli Local Council office up to noon of Monday, 16th March, 2015, for:

Quot. No. Q-DLC 03/2015. Creation of digital application for iPhone and Android systems as guide and information tool on Ħad-Dingli, including heritage trail.

Tenders will be received in Ħad-Dingli Local Council office up to 10.00 a.m. of Friday, 17th April, 2015, for:

Advt. No. DLC 01/2015. Provision of insurance services.

Further information can be obtained from the Local Council's Office, Ċentru tal-Komunità, Daħlet is-Sienja, Ħad-Dingli on telephone number 2145 6060, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

The Council reserves the right to refuse all quotations/offers, even the most advantageous.

3rd March, 2015

KUNSILL LOKALI L-IMTARFA

Il-Kunsill Lokali L-Imtarfa jgħarraf li:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2014, fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. MTFLC/Q/01/2015. Provvista u installazzjoni ta' xogħlijiet tal-injam (għamara) għal-Librerija tal-Imtarfa

Id-dokumentazzjoni dwar il-kwotazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-3 ta' Marzu, 2015

KUNSILL LOKALI IR-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali Ir-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tat-Tlieta, 7 ta' April, 2015, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. RLC/T/145/15. Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Il-Baħrija).

Avviż Nru. RLC/T/146/15. Qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Ir-Rabat).

Għandu jitħallas dritt ta' €75 għal kull kopja ta' kull dokument tal-offerta.

Dokumenti tal-offerti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat, 8, Triq l-Isptar. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Aktar informazzjoni tinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru tat-telefon 2145 5000 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

It-3 ta' Marzu, 2015

MTARFA LOCAL COUNCIL

The Mtarfa Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received in the tender box of the Council's Administrative Office up to 4.00 p.m. of Thursday, 12th March, 2015 for:

Quot. No. MTFLC/Q/01/2015. Supply and installation of carpentry works (furniture) for Mtarfa Branch Library.

Quotation documents can be obtained from the Council offices between 8.00 a.m. and 4.00 p.m.

The Council reserves the right to refuse all quotations, even the most advantageous.

3rd March, 2015

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 7th April, 2015, for:

Advt. No. RLC/T/145/15. Grass cutting and cleaning of non urban roads (Baħrija).

Advt. No. RLC/T/146/15. Grass cutting and cleaning of non urban roads (Rabat).

A fee of €75 is to be paid for each copy of each tender document.

Tender documents may be collected from the Rabat Local Council's Administrative Office, 8, Triq l-Isptar. The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous.

More information may be obtained from the Executive Secretary on telephone number 2145 5000 from Monday to Friday between 8.00 a.m. and noon.

3rd March, 2015

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

383

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fl-4 ta' Frar, 2015, fuq talba ta' Yulia Laketic, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court

By means of a decree by this Court, on the 4th February, 2015, following a request of Yulia Laketic, it was ordered

deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Bunolo Dmitry Mikhailovich, fl-atti tar-Rikors Ġenerali 41/15 AL, fl-ismijiet Yulia Laketic vs Kuraturi Deputati, fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġenerali ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fit-2 ta' Frar, 2015, minn Yuliya Laketic (Numru tal-Passaport BM 2181408), esponiet bir-rispett:

1. Illi hija l-omm naturali tal-minuri ...omissis... (kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid Dok. A).

2. Illi l-missier naturali ta' ...omissis... abbanduna lir-rikorrenta meta sar jaf li r-rikorrenta kienet ħarġet tqila u r-rikorrenta qatt ma reġgħet ratu.

3. Illi eventwalment, ir-rikorrenta ltaqgħet ma' u żżewġet lil Luka Laketic li ilu jabita hawn Malta għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena, u llum il-ġurnata qiegħed irabbi lil Jana tant li ħadet kunjomu u saret ...omissis...

4. Illi l-minuri in kwistjoni għalqet erba' snin, u r-rikorrenta tixtieq tibda tibgħatha l-iskola.

5. Illi l-Awtoritajiet Maltin responsabbli għall-edukazzjoni ma aċċettawx li jirreġistraw lill-minuri in kwistjoni sabiex tattendi l-kindergarten għaliex ma dehrilhomx li r-rikorrenta għandha awtorità parentela suffiċjenti sabiex tirreġistra lill-minuri għall-iskola mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-missier naturali.

6. Illi r-rikorrenta ma għandha u ma kellha ebda kuntatt mal-missier naturali.

7. Illi skont l-Artikolu 131 (1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), l-iben huwa soġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi filwaqt li skont l-Artikolu 131 (2) tal-istess Kodiċi Ċivili, din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata bi ftehim bejn il-ġenituri.

8. Illi fl-assenza assoluta tal-missier naturali tat-tifla in kwistjoni, is-setgħa msemmija aktar 'il fuq ma tistax (u fil-fatt qatt ma setgħet) tiġi eżerċitata bi ftehim bejn il-ġenituri, u kellu jsir dan ir-rikors sabiex ir-rikorrenta tottjeni permess mill-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista' tmexxi waħedha kif spjegat aktar 'il fuq fl-interess tal-minuri.

Għaldaqstant, l-Onorabbli Qorti mitluba tikkunsidra l-fatti hawn fuq ippreżentati, u taħt il-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa tawtorizza lir-rikorrenta bħala l-omm naturali ta' ...omissis... tipproċedi sabiex tirreġistra lill-istess tifla sabiex tibda tattendi l-iskola.

Rikorrenta: 22, Pepito, Flat 2, Triq Lorenzo Gatt, Birkirkara.

that deputy curators be chosen to represent the absent Bunolo Dmityry Mikhailovich, in the records of the General Application 41/15 AL, in the names Yulia Laketic vs Deputy Curators, and in the relative and subsequent acts.

By means of a General Application filed in the Civil Court (Family Section), on the 2nd February, 2015, by Yuliya Laketic (Passport Number BM 2181408), respectfully pleaded:

1. That she is the natural mother of the minor ...omissis... (Copy of the Birth Certificate Doc. A).

2. That the natural father of ...omissis... abandoned the applicant when he came to know that she had become pregnant and the applicant never saw him again.

3. That eventually, the applicant met and married Luka Laketic who has lived in Malta for these last fifteen years, and today he is bringing up Jana so much so that she took his surname and became ...omissis...

4. That the minor in question is four years old, and the applicant wishes to start sending her to school.

5. That the Maltese Authorities responsible for education did not accept to register the minor in question to attend the kindergarten because they were of the opinion that the applicant did not have sufficient parental authority to register the minor to attend school without the authorisation of the natural father.

6. That the applicant does not have and never had any contact with the natural father.

7. That according to Article 131 (1) of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta), the child is subject to the parental authority for all effects as established by law whilst according to Article 131 (2) of the same Civil Code, this authority is to exercised by agreement between the parents.

8. That in the complete absence of the natural father of the girl in question, the authority mentioned above cannot (and could never have been) exercised by agreement between the parties, and this application had to be made so that the applicant obtain permission by the Honourable Court so that she may proceed alone as explained earlier in the interest of the minor.

Thus, the Honourable Court is asked to consider the facts above presented, and under all the conditions it deems fit authorise the applicant as the natural mother of ...omissis... to proceed to register the same girl to start attending school.

Applicant: 22, Pepito, Flat 2, Triq Lorenzo Gatt, Birkirkara.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Silvio Meli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Frar, 2015

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 26 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Silvio Meli, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd February, 2015

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 26th February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

384

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Frar, 2015, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Delia Steve vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174), rikors numru 948/14 JZM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Steve Delia (KI 269971M) vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174), fid-29 ta' Ottubru, 2014, ir-rikorrenti Steve Delia talab lil din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi l-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tal-esponenti fis-somma ta' mija u disgħa u għoxrin elf, mija u sitta u għoxrin Ewro (€129,126) dovuta kif jingħad fir-rikors, bl-interessi u l-ispejjeż kif mitluba.

Rikorrent: Ibraġġ Terrace, Flat 1, Triq V. Menville, Is-Swieqi, San Ġiljan.

Intimat: Edera, Triq l-Ikħal, Marsaskala.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Delia Steve vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174), rikors numru 948/14 JZM, jinsab differit għas-smigħ għat-12 ta' Marzu, 2015, fid-9.00 a.m.

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 12th February, 2015, in the records of the Sworn Application, in the names Delia Steve vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174), application number 948/14 JZM, the following was ordered for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Steve Delia (ID 269971M) vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174), on the 29th October, 2014, the applicant Steve Delia asked this Honourable Court to decide the cause in terms of Article 167 et. seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Declare that the respondent is a debtor of the applicant in the sum of one hundred twenty-nine thousand, one hundred twenty-six Euro (€129,126) due as stated in the application, with interests and costs as demanded.

Applicant: Ibraġġ Terrace, Flat 1, Triq V. Menville, Swieqi, San Ġiljan.

Respondent: Edera, Triq l-Ikħal, Marsaskala.

The Sworn Application in the names Delia Steve vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C 33174), application number 948/14 JZM, has been deferred for hearing to the 12th March, 2015, at 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 26th February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

385

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Dona Debono (KI Nru. 62284M), ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 257/14 RGM), fejn talbet il-Korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri Raika, li jġib in-numru 3788/2010 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi fiż-żmien fuq imsemmi jkunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu nnotifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 25 ta' Frar, 2015.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Dona Debono (ID No. 62284M), filed an application under oath (No. 257/14 RGM), demanding Correction in the Act of Birth of the minor child Raika, number 3788/2010 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so by means of a note to be filed in the Registry of these Courts within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who within the aforesaid time shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court.

Registry of the Superior Court, this 25th of February, 2015.

CORA AZZOPARDI
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

386

B'nota ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta), fis-7 ta' Novembru, 2014, is-soċjetà Hogg Capital Investments Limited (C 18954) tat avviż ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) tat-tneħħija tar-rappreżentanza mogħtija minnha lil Martin William Richard Nicholls (Passaport Ingliż numru 513390517), permezz ta' riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija esponenti datata 25 ta' Marzu, 2014, biex b'hekk qiegħda teħles minn kull responsabbiltà lejn it-terzi tal-operazzjonijiet li jsiru wara mill-istess rappreżentanti.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Frar, 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a note presented in the First Hall Civil Court, in terms of Article 55 of the Commercial Code (Cap. 13 of the Laws of Malta), on the 7th November, 2014, the company Hogg Capital Investments Limited (C 18954) gave notice in terms of Article 55 of the Commercial Code (Cap. 13 of the Laws of Malta) of the withdrawal of the representation granted by it to Martin William Richard Nicholls (English Passport number 513390517), by means of a resolution of the Board of Directors of the interpellant company dated 25th March, 2014, so that it thus exempts itself from all responsibility toward third parties of the operations which shall be made after by the same representatives.

Registry of the Superior Courts, today 26th February, 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

387

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-19 ta' Frar, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dr Antonio Giovanni Vella, LLD), Kumpilazzjoni numru 834/2014 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Ian J. Abdilla)

Kontra:

KARL (CARMEL) AZZOPARDI, 44 sena, diżokkupat, bin Emmanuel u Emma née Mifsud, imwieled Ħ'Attard, Malta, fit-18 ta' Novembru, 1969, residenti f'numru 164, Mistral, Triq il-Għaqda, Santa Marija Estate, Mellieħa, Malta, u detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 90770(M).

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil KARL (CARMEL) AZZOPARDI, jew li huma proprjetà tiegħu, u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

AWTORIZZAT li l-imputat jista' jibqa' jirċievi l-ammont li ma jeċċedix it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 25 ta' Frar, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 19th February, 2015, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Antonio Giovanni Vella, LLD), Compilation number 834/2014 in the case:

The Police
(Inspector Ian J. Abdilla)

Versus:

KARL (CARMEL) AZZOPARDI, 44 years, unemployed, son of Emmanuel and Emma née Mifsud, born in Ħ'Attard Malta, on the 18th November, 1969, residing at number 164, Mistral, Għaqda Street, Santa Marija Estate, Mellieħa, Malta, and holder of Maltese Identity Card bearing number 90770(M).

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all monies and other movable property due to, or pertaining, or belonging to KARL (CARMEL) AZZOPARDI, and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this according to Article 5 of Cap. 373 of the Money Laundering Act of the Laws of Malta, in accordance with Article 23A of Cap. 9 of the Laws of Malta.

AUTHORISED that the accused can receive the amount which will not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year.

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta), today 25th February, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

388

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-11 ta' Frar, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr Josette Demicoli, LLD), wara rikors ippreżentat minn Raymond Caruana, datat 9 ta' Diċembru, 2014, Kumpilazzjoni numru 1311/2012 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Supretendent Paul Vassallo)
(Supretendent Norbert Ciappara)

Kontra:

RAYMOND CARUANA, ta' 53 sena, Direttur ta' Kumpanija, bin il-mejjet Gejtu u Josephine née Vassallo,

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 11th February, 2015, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD), after an application filed by Raymond Caruana on the 9th December, 2014, Compilation number 1311/2012 in the case:

The Police
(Superintendent Paul Vassallo)
(Superintendent Norbert Ciappara)

Versus:

RAYMOND CARUANA, 53 years, Company Director, son of the late Gejtu and Josephine née Vassallo, born in

imwieled Ħaż-Żebbuġ, Malta, fis-7 ta' Settembru, 1961, residenti fil-fond numru 34, 'Edelweiss', Triq Anthony Aquilina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 555661(M).

AWTORIZZAT li jiġu rilaxxati ż-żewġ kontijiet bankarji tal-imputat Raymond Caruana li huma 11508039041 mal-Bank of Valletta u 044-081826-001 mal-HSBC Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir wara digriet tal-ordni ta' ffriżar datat 13 ta' Diċembru, 2012, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-18 ta' Diċembru, 2012, ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-26 ta' Settembru, 2014, wara digriet mogħti mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr Josette Demicoli, LLD), fit-12 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi Raymond Caruana, jew li huma proprjetà tiegħu.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 20 ta' Frar, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Ħaż-Żebbuġ, Malta, on the 7th of September, 1961, residing at number 34, 'Edelweiss', Anthony Aquilina Street, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holder of Identity Card number 555661(M).

AUTHORISED the release of the two bank accounts of the accused Raymond Caruana which are 11508039041 with Bank of Valletta and 044-081826-001 with HSBC Malta.

This publication was made following a freezing order dated 13th December, 2012, which was duly published in the Government Gazette on the 18th December, 2012, in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 23A (2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta following another publication published in the Government Gazette on the 26th September, 2014, after a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD), on the 12th September, 2014, whereas the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner all monies and other movable and immovable property which may be due to, or belonging to Raymond Caruana.

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta), today 20th February, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

389

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-11 ta' Frar, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr Josette Demicoli, LLD), wara rikors ippreżentat minn Raymond Caruana datat 9 ta' Diċembru, 2014, Kumpilazzjoni numru 1311/2012 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Supretendent Paul Vassallo)
(Supretendent Norbert Ciappara)

Kontra:

RAYMOND CARUANA, ta' 53 sena, Direttur ta' Kumpanija, bin Gejtu u Josephine née Vassallo, imwieled Ħaż-Żebbuġ, Malta, fis-7 ta' Settembru, 1961, residenti fil-fond numru 34, 'Edelweiss', Triq Anthony Aquilina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 555661(M).

AWTORIZZAT lill-imputat Raymond Caruana sabiex iħallas il-pendenzi li għandu f'żewġ kontijiet bankarji separati u enumerati 40021395589 u 40021579295 mal-Bank of Valletta.

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 11th February, 2015, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD), after an application filed by Raymond Caruana on the 9th December, 2014, Compilation number 1311/2012 in the case:

The Police
(Superintendent Paul Vassallo)
(Superintendent Norbert Ciappara)

Versus:

RAYMOND CARUANA, 53 years, Company Director, son of Gejtu and Josephine née Vassallo, born in Ħaż-Żebbuġ, Malta, on the 7th of September, 1961, residing at number 34, 'Edelweiss', Anthony Aquilina Street, Ħaż-Żebbuġ, Malta, and holder of Identity Card number 555661(M).

AUTHORISED the accused Raymond Caruana to pay the due amounts which he have in two separate bank accounts and numbered 40021395589 and 40021579295 with Bank of Valletta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir wara digriet tal-ordni ta' ffriżar datat 13 ta' Diċembru, 2012, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-18 ta' Diċembru, 2012, ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-26 ta' Settembru, 2014, wara digriet mogħti mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr Josette Demicoli, LLD), fit-12 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi Raymond Caruana, jew li huma proprjetà tiegħu.

This publication was made following a freezing order dated 13th December, 2012, which was duly published in the Government Gazette on the 18th December, 2012, in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, and Article 23A (2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta following another publication published in the Government Gazette on the 26th September, 2014, after a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD), on the 12th September, 2014, whereas the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner all monies and other movable and immovable property which may be due to, or belonging to Raymond Caruana.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 20 ta' Frar, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta), today 20th February, 2015.

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

390

B' digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fil-11 ta' Frar 2015, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Lapira Alexander et vs Zawadski Leon, Mandat Numru 176/15 EG, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Leon Zawadski, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. seq. tal-Kap. 12.

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, on the 11th February 2015, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction in the names Lapira Alexander et vs Zawadski Leon, Warrant Number 176/15 EG, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant Leon Zawadski, in terms of article 187(3) et seq. of Cap 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) Alexander Lapira (KI 443362M) u Lionel Lapira (KI 561160M) vs (intimat) Leon Zawadski (KI 0017799A) fl-4 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti Alexander Lapira (KI 443362M) u Lionel Lapira (KI 561160M), esponew bil-qima;

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Alexander Lapira (ID 443362M) and Lionel Lapira (ID 561160M) vs (respondent) Leon Zawadski (ID 0017799A) on the 4th February 2015, the applicants Alexander Lapira (ID 443362M) and Lionel Lapira (ID 561160M) respectfully pleaded;

Illi l-esponenti għandom interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħhom;

That the applicants have an interest to safeguard their rights;

Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom jixtiequ jżommu l-intimat milli ikompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn imsemmija;

That the applicants in order to secure their rights wish to hold the respondent from carrying out the acts herein mentioned;

Ikompli jsegwi u/jew jagħmel kwalunkwe xogħol u cioè jkompli jneħħi jew b'mod ieħor jaltera l-ħajt diviżorju illi minn naħa jagħlaq il-kamra fuq il-bejt formanti parti mill-proprjetà tar-rikorrenti (8, Triq il-Parroċċa, Imsida) u min-naħa l-oħra jmiss mal-bejt fi proprjetà tal-intimat (28, Triq Rue D' Argens, Imsida) (immarkat fir-ritratt hawn anness (Dok 'A') u milli b' xi mod jaċċedi u/jew jidħol fil-kamra fuq il-bejt tal-proprjetà tar-rikorrenti fuq imsemmija u dan stante l-fatt illi inter alia) mingħajr ebda jedd fil-liġi, l-intimat beda jaqla'; u jwaqqa' l-ħajt biex jisforza d-dħul tiegħu fuq il-kamra tal-bejt li tifforma parti mill-proprjetà tar-rikorrenti

To continue to follow and/or carry out any work and continue to remove or otherwise alter the dividing wall which on one side closes the room on the roof forming part of the property of the applicants (8, Triq il-Parroċċa, Imsida) and on the other part bordering with the roof property of the respondent (28, Triq Rue D' Argens, Imsida) (marked in the photo hereby attached (Doc 'A') or in any manner acceding and/or entering in the room on the roof property of the applicants above mentioned and this owing to the fact inter alia) that i) without any right at law, the respondent started to remove and demolish the wall to force his entry into the

mingħajr il-kunsens tal-istess u minkejja l-fatt illi huwa ma għandu l-ebda jedd fuq il-kamra tal-bejt in kwistjoni; ii) it-twaqqigħ tal-ħajt qiegħed u sejjer jikkawża ħsarat u danni lir-rikorrent. Għalhekk kwalunkwe tkomplija f' xi twaqqigħ li għoġbu jibda l-intimat (Dok B) tkun tagħtih aċċess abbużiv għall-proprjetà li ma hijiex tiegħu u sservi biss biex tkompli teskala d-danni sofferti mir-rikorrenti fil-proprjetà tagħhom kif hawn fuq spjegat.

Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Iff. Av. Carlos Bugeja LLB, LLD

Mandat ta' Inibizzjoni

Repubblika ta' Malta
Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi ġie ppreżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għal ordni infraskritt.

U wara li tagħmel dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Edwina Grima LLD.

Rikorrent: 24, Qrib San Anton, Ħ' Attard.

Intimat: 28, Triq Rue D'Argens, L-Imsida.

Eżekuzzjoni: Il-ħajt diviżorju illi minn naħa jagħlaq il-kamra fuq il-bejt formanti parti mill-proprjetà tar-rikorrenti (8, Triq il-Parroċċa, l-Imsida) u min-naħa l-oħra, jmiss mal-bejt fil-proprjetà tal-intimat (28, Triq Rue D'Argens, L-Imsida).

Ir-Rikors Mandat ta' Inbizzjoni fl-ismijiet Lapira Alexander et vs Zawadski Leon, rikors numru 176/15 EG, jinsab differit għas-smigħ għall-11 ta' Marzu 2015, fid- 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Frar 2015.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

room on the roof which forms part of the property of the applicants without the consent of the same and despite of the fact that he has no right on the room on the roof in question, ii) the demolition of the wall is and shall continue to cause damages to the applicants. Thus any continuation of the demolition which the respondent commenced (Dok B) shall give him abusive access to property which does not belong to him and shall serve only to increase the damages suffered by the applicant in their property as hereby explained.

That the applicants shall be prejudiced if the respondent is not witheld as stated.

Thus the applicants humbly ask that this Honourable Court order the issuing of the Warrant of Prohibitory Injunction in order that he be witheld from continuing to carry out the works above mentioned.

Sgd. Av. Carlos Bugeja LLB, LLD

Warrant of Prohibitory Injunction

Republic of Malta
Court Warrant

To the Court Marshall

Whereas the above application has been presented and there recurr the necessary elements according to law for the under mentioned order.

And after doing this or if you encounter any difficulty in the execution of this warrant you are to inform this Court forthwith.

Given by the Civil Court First Hall with the evidence of the Hon. Madam Justice Edwina Grima LLD.

Applicant: 24, Qrib San Anton, Ħ' Attard.

Respondent; 28, Triq Rue D'Argens, Imsida.

Execution: The dividing wall which from one side closes the room on the roof forming part of the of the property of the applicant (8, Triq il-Parroċċa, l-Imsida) and on the other side bordering with property of the respondent (28, Triq Rue D'Argens, Imsida).

The Applicantion Warrant of Prohibitory Injunction in the names Lapira Alexander et vs Zawadski Leon, application number 176/15 EG, has been put off for hearing to the 11th March 2015, at 9.00 a.m..

Registry of the Superior Courts, today 27th February 2015.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

391

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Jannar 2015 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4016/14, fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance Ltd vs Alfreda Schembri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alfreda Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 28 ta' Novembru 2014

Lil: 1. Alfreda Schembri (KI 2954M) ta' Block A, Flat 15, Knights Creek, Triq il-Progress, Kalkara.

2. Awtorità Għat-Trasport f'Malta

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija

Permezz tal-preżenti GasanMamo Insurance Limited (C 3143) ta' Triq l-Imsida, Gżira GZR 1405, jinfurmawkom għal kull fini u effett tal-liġi illi b'effett minn nofsillejl tas-27 ta' Novembru 2014, il-polza ta' assikurazzjoni numru 13988 0344982 maħruġa mis-soċjetà mittenti fir-rigward tal-vettura numru tar-registrazzjoni MIA 320 tal-marka Mercedes-Benz, proprjetà tiegħek, Alfreda Schembri, ġiet imħassra u kkanċellata stante illi inti, Alfreda Schembri, inqast milli tirritorna ċ-ċertifikat tal-polza assikurattiva in kwistjoni wara illi ġejt debitament mitluba tagħmel dan mill-mittenti permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta' Novembru 2014.

Is-soċjetà mittenti qiegħda minn issa tirriżerva kwalunkwe dritt u azzjoni spettanti lilha skond il-liġi għall-aġir abbużiv u illegali tiegħek Alfreda Schembri.

Din l-ittra qed tintbagħat skond il-liġi u senjatament, iżda mhux limitatament ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 27 ta' Frar 2015.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 30th January 2015 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4016/14, in the names Gasan Mamo Insurance Limited vs Alfreda Schembri et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Alfreda Schembri in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 28th November 2014

To: 1. Alfreda Schembri (ID 2954M) of Block A, Flat 15, Knights Creek, Triq il-Progress, Kalkara.

2. Malta Transport Authority

3. The Commissioner of Police

